# Tliet knejjes tas-Salvatur

Chev. Mario Coleiro OSJ



Meta ssemmi s-Salvatur f'pajjiżna mill-ewwel f'moħħok jiġik ir-raħal ta' Ħal Lija u l-parroċċa tiegħu. Dan bilfors għax din hija parroċċa antika u raħal bi storja interessanti ħafna li dejjem kellu rabta speċjali ma' Ġesù Salvatur. Imma d-devozzjoni lejn Sidna Ġesù Kristu taħt it-titlu tas-Salvatur ma tillimitax ruħha biss għal Ħal Lija imma hija mferrxa sew mal-gżejjer tagħna kollha. F'dan l-artiklu ser nitkellem fuq tliet knejjes iddedikati lis-Salvatur li m'għandhomx x'jaqsmu ma' Ħal Lija ħlief għad-devozzjoni li jxerrdu lejn Ġesù Salvatur.

## L-ewwel knisja

L-ewwel knisja li ser nitkellem fuqha hija dik li nsibu viċin l-għolja ta' Bighi ġewwa l-Kalkara. Din hija knisja ċkejkna li taf il-bidu tagħha fil-Medju Evu. Din il-knisja kienet ġarrbet ħsarat kbar waqt l-Assedju l-Kbir u għalhekk, wara li telqu t-Torok, il-Gran Mastru La Vallette ordna li tissewwa u tinfetaħ mill-ġdid. Meta l-Kavallier Giovanni Bighi bena l-villa tiegħu fuq il-promontorju li nsibu bejn id-daħla tal-Kalkara u dik tar-Rinella, huwa qabbad lill-istess arkitett li kien qabbad biex jibnilu l-villa tiegħu biex jerġa' jibni mill-ġdid il-kappella tas-Salvatur. L-arkitett kien Lorenzo Gafà u hu għamel din il-knisja ħelwa f'forma ottagonali b'koppla li ssaqqaf il-knisja kollha. Nhar it-2 ta' Mejju 1651 il-knisja tbierket u nfetħet għall-pubbliku. Il-kwadru titulari tagħha kien tpitter minn Mattia Preti u kien juri t-Trasfigurazzjoni. Din il-pittura kienet insterqet waqt l-invażjoni ta' Malta mill-Franċiżi fl-1798. Aktar tard tpoġġa kwadru ieħor f'din il-knisja, u li juri lil Santa Filomena, impitter minn Tommaso Madiona (1804-1864). Dan għamel ukoll kwadru ieħor tal-Kruċifizzjoni. Il-Kavallier Bighi miet bil-pesta nhar l-24 ta' Gunju 1676 u ndifen ġewwa din il-knisja u fuq il-qabar tiegħu twaqqaf mafkar bi xbieha tiegħu stess. Fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija din il-knisja servit ta' parroċċa proviżorja għall-ftit żmien meta il-parroċċa tal-Kalkara ġġarrfet,

imma ftit wara ma baqatx tintuża u għalhekk sfat abbandunata. Ftit tas-snin ilu din il-knisja ġiet irrestawrata u reġgħat qegħda tintuża.

## It-tieni knisja

It-tieni knisja li ser nitkellmu fuqha hija dik li nsibu fiż-Żejtun. Din hija knisja antika wkoll u nbniet fl-1500. Oriġinarjament kienet iddedikata lill-Viżitazzjoni ta' Marija, imma maż-żmien inbidel it-titular tagħha u sar dak tas-Salvatur. Il-parti taż-Żejtun fejn tinsab din il-knisja hija l-eqdem parti ta' dan ir-raħal. Fil-fatt fil-qedem kien jissejjaħ Bisqallin u din il-knisja kienet il-knisja prinċipali ta' dan ir-raħal qadim. Fil-1749 il-knisja tkabbret u nbniet l-faċċata li naraw illum. Dan il-proġett kien tħallas mir-residenti tal-madwar. Il-kwadru titulari huwa xogħol ta' Francesco Zahra filwaqt li Tusè Busuttil pitter il-kwadri l-oħra li nsibu fiha. Barra l-artal maġġur insibu l-artal tal-Madonna tar-Rużarju u ieħor iddedikat lill-Qalb ta' Gesù. Fl-1952 kien sar xogħol ta' restawr u kienu tneħħew l-oqbra u l-art inksiet bl-irħam. Il-knisja għadha tintuża u fija jsiru funzjonijiet fir-Randan u fix-xahar tar-Rużarju.

## It-tielet knisja

It-tielet knisja hija dik li nsibu fir-raħal pittoresk tal-Qrendi. Il-knisja li naraw illum hija t-tieni waħda fuq l-istess lok li nbniet dik oriġinali ddedikata lis-Salvatur. Din tal-lum kienet lesta fil-1658 u ħallas għalija l-benefattur Benedittu Camilleri. Il-knisja fiha artal wieħed u tirrifletti l-istil tal-bini tal-perjodu li nbniet fih. Fil-faċċata naraw il-famuża tieqa tonda fuq il-bieb prinċipali, ħaġa ferm komuni fil-bini tal-knejjes f'nofs is-seklu sbatax. Fl-1876 sarula xi modifikazzjonijiet fil-faċċata meta nfetħu żewġ twieqi – waħda fuq kull ġenb tal-bieb. Barra dan ix-xogħol inbena portiku sabiħ b'arkitettura Barokka modesta madwar il-bieb prinċipali. Fuq in-naħa ta' ġewwa saret prospettiva ħelwa fuq l-artal maġġur madwar il-kwadru titulari u kien iddekorat is-saqaf ukoll. Għal bosta snin din il-knisja kienet magħluqa u mitluqa imma riċentement din reġgħat infetħet u ġiet restawrata. Illum il-knisja hija wżata għall-adorazzjoni perpetwa u matul il-gurnata huma bosta dawk li fis-skiet imorru jiltaqgħu ma' Kristu taħt ix-xbieha tal-Ewkaristija.

*Il-Kumitat jirringrazzja lil-Lijani li jikkontribwixxu fil-ġbir tas-Soċjetà*